32000D0159

L 51/30 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 24.2.2000

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Frar 2000

dwar l-approvazzjoni provviżorja ta' pjanijiet ta' pajjiżi terzi dwar residwi skond id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE

(innotifikati bid-dokument numru Ċ(2000) 343)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2000/159/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tagħha,

Wara li kkunsidrat Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE [2] tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar saħħa u problemi ta' spezzjoni veterinarja malli jiġu mportati annimali tar-razza ta' l-bovini, ngħaġ u mogħoż u majjali, laħam frisk jew prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/79/KE [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Xi pajjiżi terzi ppreżentaw pjanijiet ta' sorveljanza ta' residwi li jinkludu r-riżultati tagħhom, lis-servizzi tal-Kummissjoni, u hemm bżonn ta' aktar informazzjoni u ta' aktar kjarifika.

(2) Pajjiżi terzi oħra kienu u għadhom jipprovdu informazzjoni dwar pjanijiet ta' residwi skond kondizzjonijiet preskritti qabel ma d-Direttiva 96/23/KE ġiet implimentata, u fil-preżent qegħdin jesportaw lejn il-Komunità għalkemm ma daħħlux pjan riċenti ta' sorveljanza ta' residwi u/jew ir-riżultati rilevanti, u hemm aspetti li jeħtieġu aktar informazzjoni u kjarifika.

(3) Pajjiżi terzi li jixtiequ jesportaw prodotti li jkunu ġejjin mill-annimali sabiex jiġu kkunsmati mill-bniedem lejn il-Komunità, kif speċifikat fid-Direttiva 96/23/KE, jistgħu jissottomettu pjan ta' sorveljanza tar-residwu fi kwalunkwe ħin lis-servizzi tal-Kummissjoni għal approvazzjoni. Malli jkunu f'konformità mad-Direttiva 96/23/KE, jistgħu jiġu magħduda ma' din id-Deċiżjoni.

(4) Hemm bżonn, fl-interessi ta' pajjiżi terzi u tal-Komunità Ewropea, li jkun hemm trasparenza fl-azzjonijiet kollha, u fl-istess ħin li jkun hemm żmien biżżejjed għall-pajjiżi terzi sabiex jadattaw il-leġislazzjoni tagħhom għall-ħtiġijiet tal-Komunità.

(5) Hemm tħassib dwar is-saħħa pubblika fir-rigward ta' residwi fi prodotti li ġejjin mill-annimali. Għalhekk pjanijiet ta' residwu għandhom jiġu approvati u jiġu aġġornati regolarment.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE [4], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/2/KE [5] tippreskrivi lista ta' pajjiżi terzi li minnhom Stati Membri jawtorizzaw importazzjonijiet ta' annimali tar-razza ta' l-ifrat, majjali, żwiemel, ngħaġ u mogħoż, laħam frisk u ta' prodotti tal-laħam u tinkludi dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' pjanijiet ta' sorveljanza ta' residwi li huma koperti b'din id-Deċiżjoni. Għalhekk id-Deċiżjoni 79/542/KEE għandha tiġi emendata kif xieraq.

(7) L-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 96/23/KE jiddikjara li l-inklużjoni u ż-żamma fil-listi ta' pajjiżi terzi li għalihom hemm provdut fil-leġislazzjoni tal-Komunità li minnha Stati Membri huma awtorizzati li jimportaw annimali u prodotti ta' l-annimali koperti b'din id-Direttiva għandhom ikunu soġġetti għad-dħul mill-pajjiż terz konċernat ta' pjan li jippreskrivi l-garanziji li hu joffri fir-rigward ta' sorveljanza tal-gruppi ta' residwi u sustanzi li hemm riferenza għalihom fl-I l-Anness.

(8) L-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 96/23/KE jiddikjara li mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu ta' kull sena, Stati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni ir-riżultati tal-pjanijiet ta' sorveljanza tar-residwu u sustanzi tagħhom u l-miżuri ta' kontroll tagħhom.

[1] ĠU L 125, tal-25.5.1996, p. 10.
[2] ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.
[3] ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 31.
[4] ĠU L 146, ta' l-14.6.1979, p. 15.
[5] ĠU L 1, ta' l-4.1.2000, p. 17.

(9) It-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 96/23/KE jiddikjara li d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 dwar limiti ta' żmien għad-dħul u aġġornament ta' pjanijiet għandhom japplikaw għal pjanijiet imdaħħla minn pajjiżi terzi u, barra minn hekk, li l-garanziji għandhom ikollhom effett ta' għall-anqas ekwivalenti għal dawk li għalihom hemm provdut f'din id-Direttiva.

(10) Il-miżuri li għalihom hemm provdut f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Annimali u prodotti ta' l-annimali minn pajjiżi terzi li jidhru fil-lista ta' l-Anness b' "X" jitqiesu li jikkonformaw b'mod proviżorju ma' Direttiva 96/23/KE, dwar l-approvazzjoni ta' pjanijiet ta' residwu.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni teżamina mill-ġdid din id-Deċiżjoni skond il-bżonn. Mill-1 ta' April 2000, il-Kummissjoni sejra tevalwa il-pjanijiet ta' sorveljanza tar-residwu mdaħħla minn pajjiżi terzi bi qbil ma' l-Artikolu 29 tad-Direttiva 96/23/KE qabel ma tingħata approvazzjoni finali.

Sal-31 ta' Marzu 2000 pajjiżi terzi għandhom jippreżentaw pjan ta' sorveljanza ta' residwi għal dawk l-affarijiet ta' l-ikel li ġejjin mill-annimali sabiex jiġu mportati fil-Komunità għas-sena 2000, filwaqt li juru konformità mad-Direttiva 96/23/KE, li tista' tinkludi dispożizzjoni ta' garanziji ekwivalenti; u jippreżentaw ir-riżultati tal-pjan ta' osservazzjoni ta' residwi għas-sena 1999 għal dawk l-affarijiet ta' l-ikel li ġejjin mill-annimali li kienu ġew importati fil-Komunità matul l-1999.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-8 ta' Frar 2000.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

Annimali u prodotti ta' l-annimali minn pajjiżi terzi li jidhru f'dan l-Anness b' "X" huma meqjusa li jikkonformaw b'mod proviæorju mad-Direttiva 96/23/KE, dwar l-approvazzjoni ta' pjanijiet ta' residwi.

Kodiċi ISO 2	Pajjiż	Razza ta' l-ifrat	Razza tan-nghaġ/ moghoż	Majjali	Żwiemel	Tjur	L-akwakultura	Ħalib	Bajd	Fniek	Tajr selvaġġ	Tjur imrobbija f'razzett	Għasel
AD	Andorra												
AG	Antigwa u Barbuda						X						
AL	L-Albanija						X						
AM	L-Armenja						X						
AN	Netherlands Antilles						X						
AO	L-Angola						X						
AR	L-Arġentina	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
AU	L-Awstralja	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
AZ	L-Ażerbajġan						X						
BA	Il-Bosnja u Herżegovina				X (4)								
BD	Il-Bangladexx						X						
BG	Il-Bulgarija		X	X	X (4)	X		X		X	X	X	X
BH	Il-Bahrain		X (1)										
BJ	Il-Benin						X						
BR	Il-Brażil	X	X (1)	X	X	X	X	X		X			X
BS	Il-Baħamas						X						
BW	Il-Botswana	X	X							X	X	X	
BY	Il-Belarussja				X (4)		X						
BZ	Il-Beliże						X						
CA	Il-Kanada	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
CH	L-Isvizzera	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
CI	Il-Côte d'Ivoire						X						
CL	Iċ-Ċili		X	X		X	X			X	X	X	X
CM	Il-Kamerun						X						
CN	Iċ-Ċina		X (1)	X (1)		X	X			X			X

Kodiċi ISO 2	Pajjiż	Razza ta' l-ifrat	Razza tan-nghaġ/ moghoż	Majjali	Żwiemel	Tjur	L-akwakultura	Ħalib	Bajd	Fniek	Tajr selvaġġ	Tjur imrobbija f'razzett	Ghasel
CO	Il-Kolombja						X	X					
CR	Il-Kosta Rica		X (1)				X						
CU	Kuba						X						X
CV	Cape Verde						X						
CY	Ċipru		X (1)		X (4)	X	X	X	X	X	X	X	X
CZ	Ir-Repubblika Ċeka	X	X	X	X (4)	X	X	X	X	X	X	X	X
DZ	L-Alġerija						X						
EC	L-Ekwador						X						
EE	L-Estonja	X	X	X	X (4)	X	X	X	X	X	X	X	X
EG	L-Eġittu		X (1)										
ER	L-Eritreja						X						
ET	L-Etjopja												
FJ	Il-Fiji						X						
FK	Il-Gżejjer Falkland						X						
FO	Il-Gżejjer Faeroe						X						
GA	Il-Gabon						X						
GD	Grenada						X						
GH	Il-Ghana						X						
GL	Greenland		X		X (4)		X			X	X	X	
GM	Il-Gambja						X						
GN	Il-Guinea						X						
GT	Il-Gwatemala						X						X
HK	Hong Kong						X						
HN	Il-Ħonduras		X (1)				X			X			
HR	Il-Kroazja	X	X	X	X (4)	X	X	X	X	X	X	X	X
HU	L-Ungerija	X	X	X	X (4)	X	X	X	X	X	X	X	X
ID	L-Indonežja						X						
IL	Iżrael					X	X	X	X				X

Kodiċi ISO 2	Pajjiż	Razza ta' l-ifrat	Razza tan-nghaġ/ moghoż	Majjali	Żwiemel	Tjur	L-akwakultura	Ħalib	Bajd	Fniek	Tajr selvaġġ	Tjur imrobbija f'razzett	Ghasel
IN	L-Indja	X (1)	X (1)				X		X				X
IR	L-Iran		X (1)				X						
IS	L-Islanda	X	X	X	X		X	X					
JM	Il-Ġamajka						X						
JP	Il-Ġappun		X (1)				X						
KE	Il-Kenja						X						
KR	Il-Korea ta' Isfel					X	X						
KW	Il-Kuwajt		X (1)										
LB	Il-Lebanon		X (1)										
LK	Is-Sri Lanka						X						
LT	Il-Litwanja	X	X (1)	X	X (4)	X	X	X	X	X	X	X	X
LV	Il-Latvja	X	X	X		X	X	X		X	X	X	
MA	Il-Marokk		X (1)				X						
MD	Il-Moldova												X
MG	Il-Madagaskar	X				X	X			X			
807	L-Ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	X	X		X (4)					X	X	X	
MM	Myanmar						X						
MN	Il-Mongolja		X (1)										
MR	Il-Mawritanja						X						
MT	Malta	X	X	X	X (4)	X	X	X	X	X			X
MU	Mauritius						X						
MV	Maldivi						X						
MX	Il-Messiku				X		X	X	X	X			X
MY	Il-Malasja					X (2)	X						
MZ	Il-Mozambique						X						
NA	In-Namibja	X	X			X	X			X	X	X	
NC	New Caledonia						X				X	X	
NG	In-Niġerja						X						

Kodiċi ISO 2	Pajjiż	Razza ta' l-ifrat	Razza tan-nghaġ/ moghoż	Majjali	Żwiemel	Tjur	L-akwakultura	Ħalib	Bajd	Fniek	Tajr selvaġġ	Tjur imrobbija f'razzett	Ghasel
NI	In-Nikaragwa	X					X			X			X
NZ	New Zealand	X	X	X	X	X	X	X		X	X	X	X
OM	L-Oman						X						
PA	Il-Panama						X						
PE	Il-Peru		X (1)				X						
PF	Il-Polineżja Franċiża						X						
PG	Papua New Guinea						X						
PH	Il-Filippini						X						
PK	Il-Pakistan		X (1)				X						
PL	Il-Polonja	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	
PM	St. Pierre & Miquelon						X						
PY	Il-Paragwaj	X			X					X			
RO	Ir-Romanija	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
RU	Ir-Russja				X (4)		X					X (3)	
SB	Il-Gżejjer Solomon					X	X						
SC	Seychelles						X						
SG	Singapore					X	X	X					
SH	St Helena						X						
SI	L-Islovenja	X		X	X (4)	X	X	X	X	X	X	X	X
SK	L-Islovakja	X	X	X	X (4)	X	X	X	X	X	X	X	X
SM	San Marino						X						
SN	Is-Senegal						X						
SR	IsSurinam						X						
SV	El Salvador												X
SY	Is-Sirja		X (1)										
SZ	Sważiland	X								X	X	X	
TG	Togo						X						
TH	It-Tajlandja					X	X				X	X	

Kodiċi ISO 2	Pajjiż	Razza ta' l-ifrat	Razza tan-nghaġ/ moghoż	Majjali	Żwiemel	Tjur	L-akwakultura	Ħalib	Bajd	Fniek	Tajr selvaġġ	Tjur imrobbija f'razzett	Ghasel
TM	It-Turkmenistan		X (1)										
TN	It-Tuneżija		X (1)		X (4)	X	X				X	X	
TR	It-Turkija		X (1)			X	X	X					X
TW	It-Tajwan						X						
TZ	It-Tanżanija						X						
UA	L-Ukraina				X (4)						X		
UG	L-Uganda						X						
US	L-Istati Uniti	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	
UY	L-Urugwaj	X	X		X	X	X	X		X	X	X	X
UZ	L-Uzbekistan		X (1)										
VC	St Vincent u l-Grenadines						X						
VE	Il-Venezwela						X						
VN	Il-Vjetnam						X						
YE	Il-Jemen						X						
YU	Ir-Repubblika tal-Jugoslavja	X	X	X	X (4)					X			
ZA	L-Afrika ta' Isfel	X	X	X		X	X	X		X	X	X	
ZW	Iż-Żimbabwe	X		X		X	X			X	X	X	

(1) *Casings* biss.
(2) Malasja (tal-punent) peninsulari biss.
(3) Ghal ċriev mir-reġjun ta' Murmansk biss.
(4) Ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' żwiemel ħajjin ghall-qatla jkunu nghataw garanziji biżżejjed.